IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009 skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/53/PESK

## tat-30 ta' Novembru 2009

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Awstralja u l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà ta' informazzjoni klassifikata

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fil-laqgħa tiegħu fid-9 ta' Marzu 2009, il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lill-Presidenza, assistita mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli (is-SĠ/RGħ) u bl-assoċjazzjoni sħiħa tal-Kummissjoni, biex tiftaħ negozjati skont l-Artikolu 24 tat-TUE mal-Awstralja sabiex tikkonkludi Ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni.

(2) Wara dik l-awtorizzazzjoni biex jinfetħu n-negozjati, il-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ, innegozjat Ftehim mal-Awstralja dwar is-sigurtà ta' informazzjoni klassifikata.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Awstralja u l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà ta' informazzjoni klassifikata hu b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina il-persuna/i bil-poter li tiffirma l-Ftehim sabiex jorbot lill-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ASK